MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2080/2000/1

**Mary Anne ŻAMMIT, Joseph Ellul, u Monica Aquilina lkoll aħwa Ellul**

**vs**

**Antonia u Bernarda aħwa ELLUL**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Settembru, 2000, li bih l-atturi ippremettew:

Illi Emmanuel Ellul bin Salvatore miet fis-7 ta' Jannar 1987 u ħalla warajh lill-uliedu Antonia, Bernarda, Salvina, Lucy u Emmanuele Ellul;

Illi l-istess Emmanuele Ellul ħalla bħala uniċi werrieta tiegħu lill-uliedha Antonia u Bernarda xebbiet Ellul u lil bqija ta' uliedha ħalla biss il-leġittima u dana skond

testment tas-16 ta' Mejju, 1987 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut;

Illi l-istess Emmanuel Ellul bin Emmanuel miet intestat fit-22 ta' Novembru, 1998 u ħalla bħala uniċi werrieta tiegħu lill-uliedu l-attur;

Illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti sabiex tiġi likwidata u mħallsa il-leġittima lilhom spettanti mill-wirt ta' Emmanuel Ellul iżda inutilment;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tillikwida l-leġittima spettanti lil Emmanuel Ellul bin Emmanuel mill-wirt ta' missieru Emmanuel Ellul;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi l-leġittima hekk likwidata;

3. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att notarili relattiv fid-data, ħin u lok li jiġi minn din il-Qorti ffissata;

4. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati biex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

Bl-ispejjeż u bl-ingunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat in-Nota mressqa fit-13 ta' Novembru, 2000, li biha l-imħarrkin eċċepew:

Illi ma huwiex minnu li l-eċċipjenti qatt ċaħħdu lill-atturi jew lill-mejjet missierhom Emmanuel Ellul li jħallsuh il-leġittima legali. L-eċċipjenti kienu offrew lil Emmanuel Ellul il-ħlas tal-leġittima fis-sena 1992 iżda huwa qatt ma wieġeb għall-offerta tagħhom għall-ħlas. Għalhekk l-eċċipjenti jinsistu li huma għandhom iħallsu lill-atturi esklussivament dak li kienu offrew jħallsu dakinhar, u dan peress li l-ħlas ma twettaqx esklussivament minħabba nuqqasijiet

attribwibbli lill-mejjet ħuhom Emmanuel Ellul. Għalhekk ukoll l-eċċipjenti ma għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin aħwa Ellul;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2001, li fih il-Qorti (diversament presjeduta) ordnat li ssir it-trattazzjoni limitatament dwar l-ewwel (parti tal-) eċċezzjoni;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit, dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fis-16 ta' Lulju, 2003[1], flimkien ma' dokument ta' riferenzi, dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Rat illi l-imħarrkin naqsu li jressqu Nota bi tweġiba, minkejja talba f'dn is-sens min-naħa tagħhom u wara li ngħataw iżjed żmien biex iressquha[2];

Rat il-verbal tas-smigħ tat-3 ta' Diċembru, 2003, li fih l-avukat tal-imħarrkin iddikjara li ma kienx sejjer iressaq Nota ta' Tweġiba;

Rat id-Degriet tagħha tat-3 ta' Diċembru, 2003, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari, u jiġifieri dwar liema valur għandu jiġi mogħti lill-wirt għall-finijiet tal-kejl/qies tas-sehem tal-leġittima;

***Ikkunsidrat***:

Illi din hija azzjoni għall-likwidazzjoni u ħlas tal-leġittima. L-atturi qegħdin jitolbu li jiġi likwidat is-sehem tal-leġittima li missierhom kellu jedd għalih mill-wirt ta' missieru;

[1] Paġġ. 42-5 tal-proċess
[2] Paġ. 46 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi ċaħdu li huma qatt irrifjutaw lil ħuhom sehemu mil-leġittima dovuta lilu mill-wirt ta' missierhom. Qalu li kienu għamlulu offerta ta' somma likwida bi ħlas, imma kien hu li naqas li jaċċettaha;

Illi mill-fatti ewlenin li jsawru l-każ joħroġ li l-atturi huma wlied ħu l-imħarrkin. Missier l-atturi miet f'Novembru tal-1998, mingħajr ma kien għamel testment. Missieru, li wkoll kien jismu Emanuele, miet wara li kien romol f'Jannar tal-1987. Fit-testment ta' Emanuele Ellul (*senior*), missier l-atturi ma kienx tħalla bħala werriet, imma biss bħala leġittimarju. Missier l-atturi baqa' ma ħax il-leġittima mill-wirt ta' missieru sa ma miet. Il-kawża nfetħet f'Settembru tal-2000;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt dwar il-kriterju tal-iffissar tas-sehem tal-leġittima huma determinati minn digriet, mogħti fil-parti bikrija tas-smigħ tal-kawża, li llimita l-kwestjoni biss għal stħarriġ dwar liema kriterju għandu jiġi segwit biex jinħadem l-ammont ta' leġittima li kienet dovuta lil missier l-atturi. Il-kwestjoni li nqalgħet bejn missier l-atturi u ħutu l-imħarrkin kienet dwar jekk is-somma li offrewlu bħala ħlas għas-saldu tal-jeddijiet leġittimarji tiegħu kinitx waħda xierqa. Din is-sentenza qegħda tingħata biss dwar liema kriterju għandu jittieħed biex jiġi stmat is-sehem leġittimarju: jiġifieri jekk l-assi tal-wirt għandhomx jiġu stmati skond kemm kien jiswa l-wirt (ta' Emanuele Ellul *senior*) meta nfetaħ, jew jekk għandhomx jiġu stmati skond kemm jiswew illum;

Illi, qabel xejn, minħabba li l-ebda waħda mill-partijiet ma dehrilha li kien xieraq li jressaq imqar kopja tat-testment u ta' dokumenti oħrajn rilevanti, il-Qorti sejra tagħti s-sentenza tagħha fuq il-bażi ta' prinċipji mingħajr l-ebda riferenza għall-wirt in kwestjoni. B'dan il-mod, minħabba li l-atti huma għal kollox sajmin minn tagħrif siewi, l-ebda ġudizzju m'huwa sejjer jingħata dwar is-siwi jew il-korrettezza tal-valutazzjoni magħmula minn perit imqabbad mill-imħarrkin[3] u l-oħra magħmula minn oħthom oħra li wkoll tħalliet biss il-leġittima[4];

---

[3] Dok "AE3", f'paġ. 20 tal-proċess
[4] Dokti "AE4" u "AE5", f'paġġ. 21-2 tal-proċess

Illi l-imħarrkin isostnu l-pożizzjoni li l-leġittima trid titqies fuq il-valur tal-wirt ta' missierhom fil-waqt ta' mewtu, jiġifieri ta' meta nfetħet is-suċċessjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, mis-sens tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi jinsistu li s-sehem għandu jinħadem bil-valuri li l-assi tal-wirt iġibu jekk kieku kellhom jiġu stmati llum. Dwar dan ressqu wkoll riferenza ta' deċiżjonijiet ta' sentenzi tal-Qorti tal-Appell;

Illi l-liġi tqis il-leġittima bħala parti mill-ġid tal-mejjet u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (*hereditatis portio*) u għalhekk il-leġittimarju m'huwiex sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma huwa mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt[5]. Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet;

Illi jsegwi li l-leġittima trid tingħata *in natura*, jiġifieri tkun magħmula minn kull ħaġa mill-ġid tal-mejjet li jew tkun għadha tagħmel parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew tkun iddaħħlet idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Il-leġittima tinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ[6]), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral[7] u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur[8], u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni[9];

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ewlenin dwar l-istitut tal-leġittima, il-Qorti sejra tqis il-kwestjoni li għandha quddiemha llum billi tagħmel riferenza għas-sentenza msemmija mill-atturi fin-Nota tagħhom u li jidher li għadha

---

[5] P.A. **16.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Licari et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.620**)
[6] Art. 620(3) tal-Kap 16
[7] Art. 620(2) tal-Kap 16
[8] Art. 620(4) tal-Kap 16
[9] Art. 620(1) tal-Kap 16

tgħodd għall-każ fiż-żminijiet tal-lum. F'dik is-sentenza[10] jidher li ngħarfu żewġ sitwazzjonijiet partikolari f'każ fejn il-leġittima ntalbet: l-ewwel każ kien jikkontempla l-aljenazzjoni mill-werrieta ta' biċċa mill-ġid tal-wirt wara l-ftuħ tiegħu (u waqt li kien għaddej is-smigħ tal-kawża), filwaqt li t-tieni każ kien jikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-ġid li minnu kellha tittieħed il-leġittima baqa' kollu f'idejn il-werrieta. Fl-ewwel ipoteżi, il-kriterju kellu jkun li l-valur tal-ġid hekk trasferit kellu jkun dak taż-żmien meta sejra tiġi likwidata l-kwota leġittimarja bis-sentenza. Fil-każ tat-tieni ipoteżi, il-valur tal-ġid kellu jkun dak fiż-żmien li nfetaħ il-wirt, u b'mod iżjed preċiż: "li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-*decuius* (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima) **bilfors** wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni"[11];

Illi jidher li għal din ir-regola hemm eċċezzjoni fil-każ fejn il-ġid li jkun imiss lil-leġittimarju jitgħarraq għal raġuni jew kawża fortuwita jew minħabba *force majeure* li għaliha l-werriet ma jkunx jaħti jew fejn il-werriet ma jkunx jaħti għad-dewmien biex il-leġittimarju jitqiegħed fil-pussess tal-ġid li jmissu bħala leġittima. F'dawn il-każi, hemm il-fehma li l-leġittima għandha titqies fuq kemm ikun sar jiswa dak il-ġid fil-kundizzjoni li jkun ġie ridott, salv kull jedd li l-leġittimarju jieħu sehem minn xi kumpens li jista' jitħallas dwar il-ħsara mġarrba minn dak il-ġid[12]. Issa, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, ma jidhirx li tirriżulta xi waħda minn dawn iż-żewġ ċirkostanzi mhux tas-soltu li jwasslu biex titwarrab l-applikazzjoni tar-regola hawn fuq imsemmija;

---

[10] App. Ċiv. **14.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi et*** (mhix pubblikata), li qalbet sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21.2.1969 li kienet rabtet mal-kriterju tal-valur fiż-żmien is-sentenza ta' likwidazzjoni

[11] App. Ċiv. **10.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Conċetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et*** (mhix pubblikata)

[12] Ara App. Ċiv. **10.5.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia noe et vs Mintoff et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.472**)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi, dwar l-ewwel parti tal-eċċezzjoni, billi:

**Tiddikjara** li l-kriterju li għandu jittieħed biex jiġi maħdum il-valur tal-leġittima dovuta lill-atturi huwa dak li jqis is-siwi tal-ġid tal-wirt rilevanti fiż-żmien tal-mewt ta' missier l-imħarrkin, sakemm ma jintweriex li xi ġid li kien jagħmel mill-imsemmi wirt ġie mibjugħ jew b'mod ieħor trasferit, f'liema każ il-valur għandu jitqies bil-prezzijiet tal-lum; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi dwar il-konsistenza tal-wirt ta' Emanuele Ellul, missier l-imħarrkin u missier missier l-atturi, u dan biex jiġi determinat is-sehem ta' leġittima li missier l-atturi kien imissu mill-wirt ta' missieru.

L-ispejjeż jiġu deċiżi mas-sentenza tal-aħħar.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------